

# Edukazzjoni Mhux Formali

## Parlament Nazzjonali Taż-Żgħażagħ 2016

# Edukazzjoni Mhux Formali

Din ir-reżoluzzjoni tal-Partit Edukazzjoni Mhux Formali ġiet imfassla bl-intenzjoni li tkun ta' ġid għall-pajjiż u ċ-ċittadini tiegħu. Il-proposti tagħna huma miftuħin għad-diskussjoni u għal kritika kostruttiva, bl-għan li jittejbu u jiġu mplimentata. Permezz ta' din ir-reżoluzzjoni, qegħdin nesprimu x-xewqa li nqajmu diskussjoni fuq dan is-suġġett għaliex nemmnu li tassew jagħmel differenza lil ħafna persuni fuq livelli varji.



Stampa tal-Faċċata: Lawrence Alma-Tadema, *The Education of the Children of Clovis*, Jannar 1861 (żejt fuq il-kanvas), kollezzjoni privata.

# Indiċi

Aħna x'nemmnu? ....................................................................................4
Kelmtejn mill-koordinatur ..............................................................................6
Preambolu ........................................................................................................7
Għarfien .......................................................................................................... 11
Integrazzjoni ................................................................................................... 13
Rikonoxximent ............................................................................................... 19
Parteċipanti ..................................................................................................... 20

"Tell me and I forget, teach me and I remember, involve me and I learn."

*-Benjamin Franklin*

## Aħna x'nemmnu?

L-edukazzjoni hi ċ-ċavetta kemm għall-emanċipazzjoni soċjali, kif ukoll għal aktar opportunitajiet personali u professjonali. Minkejja dan, aħna tal-opinjoni li student m'għandux jirċievi l-edukazzjoni sħiħa tiegħu ma' mejda fi klassi fix-xhur tal-iskola. L-edukazzjoni ta' persuna għandha tmur lil hinn minn dik formali li wieħed jieħu mill-kotba. Hemm 3 tipi differenti ta' edukazzjoni: dik formali, dik informali u dik mhux formali. Nemmnu bis-sħiħ li l-ebda waħda ma tista' tkun ta' ġid għal dak li jkun jekk ma jkollux ukoll it-tnejn l-oħra.

F'din ir-reżoluzzjoni, aħna ħa niffukaw speċifikament fuq l-aħħar tip, jiġifieri edukazzjonali li mhix formali. Jekk l-edukazzjoni formali ma tagħtix ċans lill-istudent jesperjenza s-suġġett, l-edukazzjoni mhux formali tipprovdi l-opportunità għal dak li jkun biex japplika dak li jaf, jew għallinqas jitgħallem mill-esperjenza jekk mhux mill-kotba. B'hekk, l-edukazzjoni mhux formali tmur lil hinn mill-monotonija tal-kotba u żżid element ta' eċitament li kapaċi tinstiga sens ta' kurżità. In-nonformalità tal-edukazzjoni toħroġ 'l barra mill-klassi u tlaqqgħak man-nies, u mhux ta' b'xejn allura hemm konnessjonijiet bejn il-parteċipazzjoni f'attivitajiet non formali u l-kunfidenza ta' dak li jkun. Aktar ma wieħed jiltaqa' man-nies, aktar jiftaħ moħħu għal diversi ideat oħra, aktar isir kapaċi għal man-nies u aktar jagħmel kuntatti. Jekk fil-klassi l-istudent jitgħallem it-teorija, attivitajiet mhux formali jesponu l-istudent għal sitwazzjonijiet reali, u għalhekk jagħtuh il-kapaċità li jsolvi ċerti problemi b'sens ta' prattiċità razzjonali.

Minħabba li l-edukazzjoni mhux formali tagħti aktar lok biex wieħed jesprimi ruħu u l-karattru veru tiegħu meta mqabbla mal-edukazzjoni formali, naslu ngħidu li huwa permezz tal-edukazzjoni mhux formali li parti kbira tal-istudenti juru l-potenzjal vera tagħhom. Fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, kien hemm

xewqa min-naħa tal-Ewropa biex il-gvernijiet Ewropej "...jerġgħu jaffirmaw li l-edukazzjoni mhux formali llum il-ġurnata tikkostitwixxi parti fundamentali lejn dimensjoni tal-proċess tal-*lifelong learning*, u għalhekk jaħdem lejn l-iżvilupp ta' standards effettivi ta' rikonoxximent ta' edukazzjoni mhux formali..."[1].

L-aħħar ħaġa, ir-reżoluzzjoni tagħna tiffoka ħafna fuq proposti li jipprovdu soluzzjonijiet immedjati u li jiffukaw fuq edukazzjoni mhux formali biss. Nemmnu li biex ikun hemm tibdil effettiv li jipprovdi soluzzjonijiet sostenibbli għall-futur, hemm bżonn li jkun hemm koordinazzjoni bejn it-tliet tipi ta' edukazzjoni fi pjan elaborat minn esperti fil-qasam. Irid ikun hemm ukoll rieda mill-gvern biex jaċċetta u jimplementa xi proposti li jistgħu jissuġġerixxu bidla mill-qiegħ ta' sistema li kuljum qiegħda ssir aktar u aktar antikwata u inkapaċi biex tlaħħaq ma' xi problemi moderni.

[1] Tradott minn *Recommendation Rec(2008) of the Committee of Ministers to member states on the promotion and recognition of non-formal education/learning of young people.*

## Kelmtejn mill-koordinatur

Bħala grupp ta' żgħażagħ li jifforma l-partit Edukazzjoni Mhux Formali, l-ideat li ppruvajna noħorġu f'din ir-reżoluzzjoni jirriflettu l-esperjenzi tagħna f'sistema ta' edukazzjoni f'Malta li sena wara sena qegħda tinbidel.

Minkejja l-impenji li jkollna bħala żgħażagħ kemm fuq livell akkademiku kif ukoll oħrajn, aħna sibna ħin biex nirriċerkaw u niskrutinizzaw sistemi nazzjonali edukattivi kif ukoll dawk barranin. Tkellimna ma' studenti bħalna u staqsejnihom fuq l-aspett mhux formali tal-edukazzjoni tagħhom, u mir-risposti tagħhom, ħriġna b'ideat biex nissimplifikaw is-sistema kemm nistgħu u nġibuha aktar effettiva.

Ir-reżoluzzjoni tagħna tiffoka speċifikament fuq Edukazzjoni Mhux Formali, u għalhekk, minkejja l-ideat u l-opinjonijiet kollha li għandna fuq is-sistema edukattiva formali ta' pajjiżna, konna marbutin mill-proposti tagħna f'dan il-qasam. Dan ma fissirx li qtajna qalbna biex ħdimna, anzi l-kuntrarju; stajna noħorġu b'ideat iffukati fuq aspett partikolari tas-sistema edukattiva tagħna u niftħu fuqha billi nixtarru dak li qrajna u dak li pproponejna u ntejbuh.

Din ir-reżoluzzjoni hi prodott ta' xahar xogħol minn żgħażagħ (li wrew impenn għalkemm m'humiex esperti). Nemmen li hemm ħtieġa ta' aktar riċerka fil-fond u fid-dettal rigward dan is-suġġett, iżda aħna fil-kapaċità tagħna ta' li aħna, ħdimna kemm stajna biex ippreżentajna dan ix-xogħol. Il-proposti tagħna mhumiex finali; anzi, huma biss ideat li l-esperti ta' pajjiżna jistgħu jixtarru, jiddiskutu, itejbu u finalment jimplementaw. Minkejja d-difetti li jista' jkollha din ir-reżoluzzjoni, nagħrfu li l-iskop tagħha hi li nwasslu l-vuċi u l-ideat tagħna. B'hekk, naraw il-valur u l-potenzjal tagħha, kemm għax ħdimna bil-qalb fuqha, iżda wkoll għaliex kapaċi ġġib bidla li tant għandna bżonn.

*Benjamin Dalli*

## Preambolu

Is-sistema edukattiva Maltija tista' tgħid li għandha għeruq Ingliżi, u saħansitra tnisslet wara skrutinju tas-sistema edukattiva Ingliża. Sena wara sena, aktar riċerka saret u l-mod ta' kif inħarsu lejn l-edukazzjoni u nedukaw lilna nfusna nbidlet ferm. Illum, nikklassifikaw l-edukazzjoni fi tlieta, u għarafna li l-edukazzjoni mhix biss tagħlim fil-klassi tradizzjonali.

Bernardette Blakely (2015) tgħid hekk fuq l-edukazzjoni mhux formali:

*"Nonformal Education (NFE) is any organized educational activity that takes place outside the formal educational system. Usually it is flexible, learner-centered, contextualized and uses a participatory approach. There is no specific target group for NFE; it could be kids, youth or adults. There is a debate on the exact definition of NFE and what activities it includes and what it excludes. NFE is differentiated from Formal Education and Informal Education."*

Illum il-ġurnata, f'Malta l-edukazzjoni mhux formali ġiet integrata l-aktar fl-iskejjel sekondarji, u għandha rwol fundamentali speċjalment meta tiġi għall-i*School Leaving Certificate*. Hemm varjetà kbira ta' attivitajiet mhux formali li jappellaw għal diversi persuni b'abbiltajiet u kapaċitajiet differenti. Minkejja dan, hemm ħafna żgħażagħ li mhumiex konxji tal-attivitajiet li jistgħu jipparteċipaw fihom. Apparti minn hekk, is-sistema ta' rikonoxximent għal dawn l-attivitajiet jista' jkun kemxejn burokratiku, li jmur lil hinn mill-ispirtu tal-edukazzjoni mhux formali. In-nuqqas ta' għarfien dwar il-benefiċċji tal-edukazzjoni mhux formali jkompli jikkontribwixxi għal apatija f'dan il-qasam. Minħabba f'hekk, mhux qiegħed ikun hemm biżżejjed parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet mhux formali.

Ir-rikonoxximent ta' dawn l-attivitajiet qiegħed jinxtered bil-mod il-mod mal-Ewropa wara rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill tal-Ewropa. Illum il-ġurnata, bil-għajnuna tal-*Europass* u tal-*Malta Qualifications Framework* (MQF) flimkien *European*

*Qualifications Framework* (EQF), din qiegħda ssir realtà. Madanakollu, xorta hemm lok fejn jistgħu jiġu introdotti diversi attivitajiet ġodda, dejjem skont il-*European Guidelines for validating non-formal and informal learning*, sabiex ikun hemm aktar varjetà t'attivitajiet u kompetenzi ġodda, li jistgħu jwasslu għal impjieg ġdid u setturi aktar żviluppati fil-qasam ekonomiku u soċjali. It-tliet tipi ta' edukazzjoni mhumiex opposti, anzi jaħdmu id f'id ma' xulxin. Huwa proprju għalhekk li nassoċjaw dan it-tip ta' edukazzjoni ma' studenti ta' skejjel tas-sekondarja li jdoqqu strument, jipprattikaw xi sport jew huma nvoluti f'xi għaqda.

Minkejja dan il-ġudizzju komuni, l-edukazzjoni mhux formali jagħmel parti fundamentali tal-*lifelong learning* għal kull persuna li huwa interessat kemm fl-arti u l-isport kif ukoll f'xi settur professjonali speċifiku jew mhux speċifiku. Din hi n-natura tal-edukazzjoni mhux formali; varjetà kbira li tmur lil hinn mill-formalità fl-edukazzjoni u li tgħodd għal kulħadd, kemm tfal, kif ukoll adulti.

Għarafna li din it-tip ta' edukazzjoni tgħodd mhux biss għal persuni ta' età differenti, iżda wkoll ta' kapaċitajiet differenti. Is-sitwazzjonijiet diffiċli li wieħed ikun għaddej minnhom, sew jekk ikun mard, vizzji jew żmien il-ħabs, kollha tista' tidħol fihom, sa ċertu punt, l-edukazzjoni mhux formali. Din it-tip ta' edukazzjoni xorta tagħti xi livell ta' ċertifikazzjoni, anke jekk mhix fuq l-istess livelli tal-edukazzjoni formali. L-Ewropa dan il-fatt għarfitu, u qed tagħmel ħilitha biex tqajjem kuxjenza dwar ir-rikonoxximent ta' attivitajiet mhux formali, kemm jekk huma l-arti u l-isport, kif ukoll volontarjat jew NGOs/*pressure groups*.

Permezz ta' inċentivi biex jippromovu l-edukazzjoni mhux formali, il-problemi finanzjarji u nuqqas ta' għarfien rigward din it-tip ta' edukazzjoni jistgħu jiġu megħluba. Però, xorta tibqa' l-problema li ġġib l-edukazzjoni formali. Ħafna studenti jgergru li ma jkunux qiegħdin ilaħħqu ma' kollox, u li s-sistema tagħna bbażata wisq fuq l-eżamijiet. Pajjiżi differenti kollha għandhom sistemi differenti li

jaddottaw skont il-bżonn tal-pajjiż individwali. Fil-Finlandja, is-sistema edukattiva formali mhix tant strutturata, u ħafna importanza hi mogħtija lejn l-informalità u n-nonformalità fl-edukazzjoni tagħhom. Minkejja dan, iż-żgħażagħ Finlandiżi huma fost l-aqwa studenti fid-dinja meta jiġu għal għarfien ġenerali. It-*Times of Malta*[2] irraportat li l-MUT (*Malta Union of Teachers*) innutat li l-istudenti mhumiex qegħdin jiġu mħarrġa biżżejjed bil-kapaċitajiet neċessarji li hemm bżonnhom fil-ħajja tax-xogħol. L-MUT għarfet tliet kapaċitajiet li huma nieqsa: komunikazzjoni bil-miktub (32.9%), kapaċitajiet tekniċi (32.1%) u x-xogħol fi grupp (29.3%). Dawn ma kinux jgħoddu biss għal studenti li kienu jeħlu mill-eżamijiet, iżda anke dawk li kienu saħansitra jmorru tajjeb.

Il-problema li għandha tiġi ndirizzata hi proprju din: is-sillabu huwa mbullat b'fatti li huma mogħtija lill-istudenti, biex dawn imbagħad jerġgħu jitfugħhom kif inhuma mingħajr ma jixtarruhom. Hemm bżonn li ċerti kapaċitajiet bħalma huma r-riċerka u l-komunikazzjoni jiġu infurzati fis-sistema edukattiva tagħna. Għalkemm dawn jistgħu jiġu ndirizzati permezz tal-edukazzjoni mhux formali, dawn huma biss tibdiliet kożmetiċi, u jeħtieġ li jkun azzjonijiet implementati mill-għeruq tas-sistema edukattiva tagħna.

"*Twenty-first century skills need to be taught to our students [at] school. As an example, it is much more important to teach students how to research and how to look for information than spoon-feeding them with tonnes of information, most of which is irrelevant to them.*

"*One size fits all curricula dictated by the end of Form Five examinations are a failure and they need to be addressed sooner rather than later.*"

[2] 'Exam-heavy education system is failing' – MUT. Retrieved September 03, 2016, from http://www.timesofmalta.com/articles/view/20160725/local/exam-heavy-education-system-is-failing-mut.619935

Il-kummissarju tat-tfal Pauline Miceli tolqot il-musmar fuq rasu. Tinsisti li hemm bżonn li aktar milli informazzjoni, ikun hemm diskussjoni, u riżultat ta' dan in-nuqqas qiegħed iwassal għal għatx għall-ħsieb kritiku u laterali[3].

*"It is easier for teachers to fill up children's minds with information. But if you want facts, all you need to do is switch on your internet and find the numbers. We're missing the wood for the trees."*

[3] 'Children being burdened with useless information' Retrieved September 03, 2016, from http://www.timesofmalta.com/articles/view/20160307/local/children-being-burdened-with-useless-information.604702

## Għarfien

1. Nipproponu li fl-iskejjel, b'mod partikolari dawk sekondarji, isiru laqgħat ta' informazzjoni mogħtija minn rappreżentanti mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u awtoritajiet oħra kompetenti fil-qasam tal-attivitajiet mhux formali. Dan sabiex titqajjem kuxjenza aktar ċara fost l-istudenti li xi drabi ma jagħrfux l-importanza professjonali ta' attivitajiet mhux formali, speċjalment 'l quddiem fl-i*School Leaving Certificate* u fis-CV (Curriculum Vitae).

2. Nagħrfu x-xogħol li jsir mill-*Guidance Teachers* li hemm fl-iskejjel sekondarji biex jiggwidaw l-istudenti fl-attivitajiet mhux formali. Nipproponu li jsiru laqgħat ta' informazzjoni lill-istudenti ta' dawn l-istituzzjonijiet sabiex ikompli jiċċara l-proċess tal-edukazzjoni mhux formali, speċjalment għaliex isir wara l-ħin tal-iskola u bosta studenti ma jkollhomx gwida li jista' jsegwi l-progress tagħhom.

3. Nipproponu li fl-iskejjel, jintlaqgħu l-ġenituri tal-istudenti sabiex jiġi spjegat il-proċess tal-edukazzjoni mhux formali. Hemm bżonn li tintwera l-importanza ta' din it-tip ta' edukazzjoni lin-nies li jsegwu u jagħtu sapport finanzjarju lill-istudenti. Riċerka minn l-*Education Endowment Foundation*[4] turi li meta l-ġenituri kienu konxji u segwew mill-qrib il-progress akkademiku tal-istudenti, l-istudenti marru aħjar. Din bla dubju tista' tiġi applikata għal edukazzjoni mhux formali.

4. Nipproponu li organizzazzjonijiet bħal Aġenzija Żgħażagħ, li jkunu f'kuntatt frekwenti ma' bosta żgħażagħ fit-tielet spazji[5] jiġu mogħtija biżżejjed għarfien fuq

[4] Texting Parents | Projects. Retrieved September 03, 2016, from https://educationendowmentfoundation.org.uk/evaluation/projects/texting-parents/#the-project

[5] "*Third space*" huwa terminu li jintuża minn *detatched youth workers* li jfisser spazju għaż-żgħażagħ. L-ewwel u t-tieni spazji huma d-dar u l-iskola, mentri t-tielet spazji huma postijiet bħat-toroq, pjazzez, eċċ. Aktar informazzjoni: *Developing Detatched Youth Work In Malta And Romania,* Brian Belton (2016), Aġenzija Żgħażagħ, *YMCA George Williams College UK, Asociatia Centrul pentru Dezvoltare Comunitara Durabila Romania* and *Stichting JONG Rotterdam Netherlands*.

is-sistema tal-edukazzjoni mhux formali sabiex ikunu jistgħu jgħadduha liż-żgħażagħ. *Youth workers* li jsegwu lil dawn iż-żgħażagħ jistgħu jħajruhom biex jipparteċipaw f'attivitajiet mhux formali, u jiggwidawhom biex jiksbu rikonoxximent għal dawn l-attivitajiet fl-i*School Leaving Certificate* u fis-CV. Taħriġ lill-*youth workers* jista' jingħata fejn hemm bżonn.

## Integrazzjoni

5. Ninkuraġġixxu edukaturi ta' attivitajiet mhux formali jagħtu laqgħat jew sessjoni ta' prova fl-iskejjel u spazji taż-żgħażagħ lill-istudenti sabiex iħajru aktar studenti jieħdu sehem f'attivitajiet mhux formali.

6. Nipproponu li edukaturi ta' attivitajiet mhux formali jħallu studenti li jiġu jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħhom joqogħdu għal sessjoni waħda, jew perjodu qasir, b'xejn. Il-perjodu li jistgħu jitħallew jipparteċipaw titħalla fid-diskrezzjoni tal-edukatur. Permezz ta' dan, studenti jkunu jistgħu jippruvaw varjetà ta' attivitajiet differenti, u b'hekk jagħżlu l-aktar dixxiplina li tgħodd għalihom.

7. Nipproponu li jkun hemm sussidji mill-Gvern lil studenti li jkunu jixtiequ jipparteċipaw f'attivitajiet mhux formali iżda minħabba problemi finanzjarji, dawn ma jkunx jistgħu. L-iskema tista' taħdem billi l-edukaturi ta' dawn l-attivitajiet jitolbu inqas flus taħt din l-iskema u d-differenza jiksbuha lura mill-Gvern.

8. Nipproponu sistema fejn persuni li għandhom kapaċità f'ċertu qasam vokazzjonali (e.g. dak li sar minn Fortino Morales III) [6] jistgħu jgħallmu lil ħaddieħor permezz ta' lezzjonijiet jew seminars. B'dan il-mod, mhux biss qiegħed jinħoloq impjieg, iżda qegħdin jidħlu aktar attivitajiet mhux formali ta' varjetà, dejjem skont regoli Ewropej.

9. Nipproponu sistema elettronika tal-gvern li fiha, studenti madwar Malta jkollhom profil magħmul mill-iskejjel rispettivi tagħhom. Fuq din is-sistema, ikun hemm ukoll edukaturi ta' attivitajiet mhux formali reġistrati. Student ikun liberu li jfittex diversi attivitajiet differenti bbażati fuq l-interessi tiegħu. Din tqarreb id-dinja tal-edukazzjoni mhux formali aktar viċin tal-istudent, u tippreżentalu diversi

[6] Retrieved September 03, 2016, from https://www.kcet.org/food/ucrs-garden-coordinator-fortino-morales-iii-adresses-the-importance-of-food-access

għażliet li jista' jagħżel minnhom. L-edukatur jista', permezz ta' din is-sistema, jinforma lill-istudenti b'xi tibdiliet fil-programm tal-lezzjonijiet. Jekk student jattendi għal tul ta' żmien jew għadda minn evalwazzjoni ta' attività, edukatur ta' dik l-attività partikolari jista' jżejjen il-profil ta' dak l-istudent b'ċertifikat awtorizzat mingħandu, flimkien ma' lista ta' kapaċitajiet u għarfien li l-istudent ikun iggwadanja. Din tista' tiffaċilita l-kompilazzjoni tal-i*School Leaving Certificate*, li permezz ta' din is-sistema, tista' ssir fuq l-internet, kif ukoll għall-istudent biex jittrasferixxi din il-lista ta' kompetenzi u għarfien dritt għal fuq is-CV. Biex il-privatezza tal-istudenti tinżamm prijorità, il-profil tal-istudent li jkunu jistgħu jaċċessaw l-edukaturi tal-attivitajiet mhux formali jkollu biss ismu, l-iskola li jattendi u l-interessi/passatempi tiegħu, inkluż l-attivitajiet li diġà jattendi. Dettalji oħra jistgħu jaċċessawhom biss l-iskola tal-istudent, l-istudent stess u l-ġenituri tiegħu. B'hekk, ma jkunx hemm riskju ta' illegalitajiet fir-rigward tad-*Data Protection Act*.

10. Nipproponu li wara l-ħin tal-iskola darba kull ġimgħa, ħmistax jew xahar, isiru korsijiet f'dik l-iskola għall-istudenti ta' dik l-iskola sabiex jiggwadanjaw minn ċertifikazzjoni ta' edukazzjoni mhux formali. Dan nipproponuh permezz ta' lezzjoni fuq affarijiet ta' kuljum li wieħed ikollu bżonn jiffaċċja, bħall-għarfien finanzjarju, għarfien politiku, għarfien ta' sopravivenza, speċjalment fil-kampanja iżda anke l-ewwel għajnuna, navigazzjoni u l-manteniment tad-dar u t-tisjir.

11. Nipproponu li jingħata lif imħallas lil kull min jixtieq isegwi kors relatat ma' xogħlu fil-ħinijiet li l-persuna tkun qiegħda ssegwi l-kors. Dan jippermetti żieda fl-edukazzjoni mhux formali qalb in-nies li diġà qegħdin fid-dinja tax-xogħol. Biex jinkiseb il-lif, għandu jkun hemm evidenza tal-attendenza tal-ħaddiem fil-kors, u jekk jirriżulta li hemm attendenza fjakka għal ebda raġuni valida, il-lif jinqata'.

12. Filwaqt li nagħrfu li hemm skejjel li diġà addottaw din l-idea, nipproponu li kemm jista' jkun kull skola toħloq kunsill għall-volontarjat li permezz ta' dan,

jinfetħu opportunitajiet għal attivitajiet tal-volontarjat kemm fl-iskola kif ukoll fil-komunità li jistgħu, permezz tal-kunsill, jiġu rikonoxxuti bħala edukazzjoni mhux formali.

13. Nipproponu li jkun hemm kunsens nazzjonali u aktar kuxjenza rigward il-volontarjat bħala attività mhux formali. Kull tip ta' volontarjat jeduka lil dak li jkun b'mod mhux formali, filwaqt li jagħmel lil dak li jkun aktar attiv fis-soċjetà u jgħollilu ċ-ċans li jiġi mpjegat u ntegrat kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Irid ikun hemm koordinazzjoni lokali, nazzjonali u internazzjonali biex jiffaċilita l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-volontarjat minflok ifixkilha, speċjalment f'organizzazzjonijiet bħall-*European Voluntary Service* (EVS).

14. Nipproponu sensiela ta' seminars, li jagħmlu parti minn kors twil, immirati lejn studenti tas-sekondarja nhar ta' Sibt għal tul ta' żmien li jista' jvarja minn xahar sa term skolastiku sabiex jinkiseb ċertifikat f'dak il-qasam li jservi bħala kisba ta' edukazzjoni mhux formali.

15. Nipproponu li jkun hemm aktar kuxjenza dwar *workshops* barra minn pajjiżna bħala mezz ta' taħriġ vokazzjonali u artistiku, li jkun jista' jgħodd bħala edukazzjoni mhux formali, filwaqt li jżid il-kapaċità tal-ħaddiema Maltin.

16. Nipproponu li jkun hemm kompetizzjoni bejn l-iskejjel tas-sekondarja illi fihom, l-istudenti jkollhom iċ-ċans jipparteċipaw f'dibattiti li jirrigwardjaw affarijiet kurrenti. F'dawn il-kompetizzjonijiet, l-istudenti jkollhom jirriċerkaw billi jżommu ruħhom aġġornati fuq ġrajjiet kurrenti u jiddiskutuhom ma' sħabhom l-iskola. Nirrikkmandaw li qabel ir-raba' sena tas-sekondarja ma jsirux kompetizzjonijiet bejn l-iskejjel imma bejn dik is-sena partikolari f'dik l-iskola biss. Nirrikkmandaw ukoll li fl-ewwel sena ma ssir ebda kompetizzjoni biex tagħti ċans lill-istudenti josservaw lil sħabhom jipparteċipaw. Attività bħal din mhux biss ittejjeb ċerti kapaċitajiet ta' dibattitu, retorika, komunikazzjoni u riċerka fl-istudenti u tagħtihom

opportunità għal aktar edukazzjoni mhux formali, iżda tqajjem kuxjenza qalb iż-żgħażagħ ta' Malta u tinstiga sens ta' ċittadinanza attiva u litteriżmu politiku. Dawn il-kwalitajiet jistgħu jgħinu u jinkoraġġixxu lil min irid jipparteċipa f'kompetizzjonijiet, attivitajiet u organizzazzjonijiet li jinvolvu d-dibattiti aktar 'l quddiem.

17. Nipproponu programm għall-priġunieri li fih tkun offruta edukazzjoni mhux formali sabiex ikunu introdotti għal opportunitajiet varji li jistgħu jsibu wara li jiġu riabilitati. Dan il-programm ikun provdut għal kulħadd b'mod volontarju, iżda jista' jiġi impost fuq dawk li m'għandhom ebda tip ta' kwalifikazzjoni professjonali. B'dan il-programm, ikunu mħarrġin biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-pajjiżna, ikollhom opportunità għal bidu ġdid permezz tal-edukazzjoni mhux formali u jgħin biex jiġu riabilitati b'mod aktar sħiħ.

18. Nipproponu li jkun hemm programm ta' edukazzjoni mhux formali addattat għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu għajnuna għal problemi ta' vizzji bħal dawk ta' sustanzi, xorb u logħob tal-azzard. Dan il-programm ikun hemm biex jagħti ċans lil dawn il-persuni jieħdu ċertifikazzjoni. Dan jgħinhom isibu mpjieg, jingħaqdu ma' organizzazzjoni jew jaqbdu passatemp ġdid wara li jeħilsu mill-vizzju li ddominalhom ħajjithom, biex jerġgħu jiksbu kontroll permezz tal-edukazzjoni mhux formali.

19. Nipproponu li jkun hemm programm ta' edukazzjoni mhux formali addattat għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu għajnuna għal problemi ta' vjolenza domestika u abbuż. Programm ta' edukazzjoni mhux formali jservi ta' ġid għal dawn in-nies għaliex jagħtihom ċans biex jaljenaw rashom, filwaqt li jiggwadanjaw opportunitajiet ta' impjieg, kif ukoll xogħol ma' għaqdiet jew passatempi oħra li jwassal għal kontroll ikbar fuq ħajjithom.

20. Nipproponu li jkun hemm aktar għarfien u sensittività lejn persuni b'bżonnijiet individwali, kif ukoll kunsens u motivazzjoni biex korsijiet u attivitajiet non formali jkunu aktar aċċessibbli għal kulħadd.

21. Nipproponu li jkun hemm programm ta' edukazzjoni mhux formali addattat għall-pazjenti li jgħixu u jikkombattu marda terminali u li qegħdin jieħdu għajnuna minn karitajiet bħal *Puttinu Cares*. Dan il-programm ikun jolqot gruppi żgħar ħafna b'lezzjonijiet qosra u mhux intensivi, li l-iskop tiegħu jkun biex ma jaqtax lil dawn il-pazjenti 'l barra kompletament mill-edukazzjoni tagħhom, iżda jassigura li jkollhom xi tip ta' kuntatt mal-edukazzjoni u finalment ċertifikazzjoni ladarba jfiqu.

22. Nipproponu li kull kunsill lokali jkollu kamra li tkun tista' sservi għal diversi skopijiet (*multi-purpose room*). Din il-kamra/kmamar jistgħu jintużaw minn persuni li jkunu jixtiequ jlaqqgħu nies għal attività mhux formali iżda ma jkollhomx il-faċilitajiet għaliha. Permezz ta' riservazzjonijiet fuq dan it-tip ta' kamra minn edukaturi mhux formali reġistrati, dawn jistgħu jutilizzaw dawn is-servizzi għal skopijiet ivarjaw minn laqgħat ta' organizzazzjoni nongovernmentali, lezzjonijiet tal-mużika u tal-arti, u b'hekk tkun qed tiffaċilita u tinkoraġġixxi edukazzjoni mhux formali tiffjorixxi.

23. Nipproponu investiment ta' kumpless sportiv f'kull lokalità jew reġjun f'pajjiżna. L-iskop ta' dan huwa biex ilaqqa' gruppi ta' tfal u żgħażagħ u jistedinhom biex jippruvaw tipi differenti ta' sport b'xejn. Jista' wkoll jilqa' applikazzjonijiet minn edukaturi nonformali reġistrati biex jagħtu l-lezzjonijiet tagħhom f'dawn il-kumplessi sportivi. Permezz ta' dan, l-isport bħala edukazzjoni mhux formali jiġi mplimentat viċin kull żagħżugħ/a, u b'hekk l-isport ikollu iktar ċans li jsir parti mill-istil ta' ħajja għaż-żgħażagħ Maltin, li fosthom hemm rata mill-ogħla ta' obeżità fid-dinja.

24. Nipproponu li kull kunsill jiġbor żgħażagħ interessati għal seminar jew sensiela ta' seminars fejn isiru *icebreakers* u diskussjonijiet bit-tema “Intejbu l-lokalità tiegħi”. Kull min jipparteċipa jieħu ċertifikat tal-parteċipazzjoni li jgħodd bħala edukazzjoni mhux formali. Minn din l-attività, iż-żgħażagħ jieħdu lura aktar sens ta' kuxjenza dwar il-kunsilli lokali tagħhom, kif ukoll stima ogħla tagħhom infushom u kapaċità għal komunikazzjoni u ħidma mal-oħrajn fi grupp.

25. Nipproponu li kemm b'mod lokali kif ukoll b'mod nazzjonali jsiru wirjiet ta’ talenti, li fihom jipparteċipaw gruppi jew individwi li għandhom talenti relatati mal-arti. F'din il-wirja, ikun hemm bosta spazji fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu idoqqu l-mużika, jirreċtaw u jkantaw. Għalkemm kull persuna li tieħu sehem tieħu ċertifikat li tgħodd bħala edukazzjoni mhux formali, l-għan sekondarju ta' dawn l-attivitajiet ikun biex jippromovi l-arti qalb iż-żgħażagħ.

## Rikonoxximent

26. Nipproponu li attivitajiet li mhumiex rikonoxxuti, e.g. *team gaming*, jiġu rikonoxxuti permezz ta' organizzar u strutturar xieraq kif inhu indikat fil-'*European Guidelines for validating non-formal and informal learning*' mis-CEDEFOP (*European Centre for the Development of Vocational Training*). Attivitajiet li jitressqu biex jiġu rikonuxxutu għandhom jippreżentaw, fost l-oħrajn, għarfien, kapaċitajiet u objettivi ċari li jintlaħqu permezz tal-attività, dokumentazzjoni tar-riżultat tal-attività u xi tip ta' evalwazzjoni u ċertifikat bħala rikonoxximent tal-attività.

## Partecipanti

Snejana Balzan
Brandon Caruana
Carla Cassano
Maria Cutajar
Timothy Grech
Benjamin Dalli
*koordinatur*